



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.5.2006  
KUMM(2006) 243 finali

2006/0078 (CNS)  
2006/0079 (CNS)

### **RAPPORT MILL-KUMMISSJONI**

**lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżekuzzjoni u r-risultati tal-programm  
Pericles għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar**

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju,  
għajnuna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar (il-programm 'Pericles')**

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li testendi għall-Istati Membri li mhumiex parteċipanti l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni  
2006/.../KE li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta'  
skambju, għajnuna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar (il-programm  
'Pericles')**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

### **lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżekuzzjoni u r-riżultati tal-programm Pericles għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar**

#### 1. Ġeneral

Pericles, il-programm tal-Komunità ta' skambju, għajna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar, kien ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001 (2001/923/KE), 'id-Deċiżjoni Pericles', kif emendata u estiża mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/75/KE – programm li ġie mfassal biex isostni u jintegra l-inizjattivi li ħadu l-Istati Membri u previsti fil-programmi eżistenti għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar. Dawn l-inizjattivi jinkludu skambji ta' informazzjoni (seminars, laqgħat ta' ħidma, laqgħat oħra u konferenzi), allokkazzjonijiet u bdil ta' staff, kif ukoll sostenn tekniku, xjentifiku u operattiv.

L-Artikolu (13(3)(a) tad-Deċiżjoni Pericles jesiġi li l-Kummissjoni tissottometti rapport ta' valutazzjoni tal-Programm flimkien ma' proposta xierqa dwar it-tkomplija jew l-adattament tal-programm. Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-Programm Pericles inħareġ fit-30 ta' Novembru 2004 u ġie ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fit-8 ta' April 2005, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li biha bħala bażi l-Kunsill estenda l-Programm għas-sena 2006 b'pakkett finanzjarju ta' miljun euro.

L-Artikolu 13(3) (b) jesiġi wkoll rapport dettaljat biex ikun sottomess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sat-30 ta' Ġunju 2006, dwar l-eżekuzzjoni u r-riżultati tal-Programm. Ir-rapport preżenti huwa bi tweġiba għal dan l-obbligu.

#### 2. Żviluppi fl-iffalsifikar ta' l-euro

Mill-bidu tas-sajf ta' l-2003, in-numru ta' karti tal-flus foloz fil-valuta ta' l-euro li nqabdu fiċ-ċirkolazzjoni stabbilizza għal madwar 50 000 fix-xahar - numru anqas minn dak ta' qabel ma ġie introdott l-euro; inqas ukoll minn dak fil-każ tal-valuta tad-dollaru Amerikan u numru baxx ħafna meta mqabbel mad-disa' biljun karta ta' l-euro ġenwina fiċ-ċirkolazzjoni. Fl-istess ħin, in-numru ta' muniti foloz ta' l-euro qed ikompli jikber imma xorta għadu baxx meta mqabbel ma' standards storiċi. Barra dan, il-forzi tal-pulizija wettqu b'suċċess diversi operazzjonijiet u kixfu zekki klandestini u kkonfiskaw kwantitajiet kbar ta' karti tal-flus u muniti foloz qabel ma laħqu ddaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni.

It-Tabelli 1a u 1b jagħtu taġġir fil-qosor dwar l-iżvilupp ta' l-iffalsifikar tal-karti tal-flus u l-muniti fil-valuta euro.

Tabella 1a			Tabella 1b		
Karti tal-flus euro foloz maqbuda fiċ-ċirkolazzjoni			Muniti euro foloz maqbuda fiċ-ċirkolazzjoni		
2002 - 2005			2002 - 2005		
Jan-Ġun 2002	21965		Jan-Ġun 2002	68	
Lul-Diċ 2002	145153		Lul-Diċ 2002	2271	
Sena 2002		167118	Sena 2002		2339
Jan-Ġun 2003	230534		Jan-Ġun 2003	8100	
Lul-Diċ 2003	311925		Lul-Diċ 2003	18091	
Sena 2003		542459	Sena 2003		26191
Jan-Ġun 2004	307000		Jan-Ġun 2004	36191	
Lul-Diċ 2004	287000		Lul-Diċ 2004	38309	
Sena 2004		594000	Sena 2004		74500
Jan-Ġun 2005	293442		Jan-Ġun 2005	184007	
Lul-Diċ 2005	287459		Lul-Diċ 2005	78677	
Sena 2005		580901	Sena 2005		262684

Din is-sitwazzjoni li, b' mod ġenerali, hija favorevoli, hija riżultat ta' thejjiġa twila kemm fuq livell leġislattiv u istituzzjonali u hija prova tal-livell għoli ta' kooperazzjoni miksub fuq il-livelli internazzjonali u dawk ta' l-UE. Il-Kummissjoni stabbiliet l-ideat bażiċi għall-ħarsien ta' l-euro fil-Komunikazzjoni li diġà kienet ippubblikat fl-1998<sup>1</sup>. Fuq dan il-bażi, il-Kunsill adotta Regolament bażiku fl-2001<sup>2</sup>, li bena l-pedament istituzzjonali għall-istruttura ta' tħaris; Qabel dan kienet ħarġet Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill<sup>3</sup>, adottata fis-sena 2000, li biha l-ħarsien ta' l-euro ssaħħa u, sa ċertu punt, ġie armonizzat permezz ta' penalizzar kriminali. Fl-1999 il-madat ta' l-Europol ġie estiż biex jinkludi l-iffalsifikar tal-flus<sup>4</sup> u kompli ġie msaħħa fl-2005 meta l-Europol sar l-Uffiċċju Ċentrali għall-ġlieda kontra l-iffalsifikar ta' l-euro. Fir-rigward ta' sanzjonijiet kriminali, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ rapporti<sup>5</sup> dwar l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq, li jirrappurtaw livell sodisfaċenti ta' eżekuzzjoni.

Bl-iskop li jiġu żgurati struttura ċara fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar monetarju u kooperazzjoni mill-qrib u ċirkolazzjoni effikaċi ta' informazzjoni, twaqqfu Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali (NCO) fl-Istati Membri kollha. Fil-BĊE u l-Europol qegħdin joperaw *databases* u sistemi ta' komunikazzjoni. Inħolqu wkoll organiżmi apposta għall-analiżi teknika tal-flus foloz fl-Istati Membri, fil-BĊE għall-karti u fil-Kummissjoni għall-muniti.

<sup>1</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 1998 lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-BĊE imsejja 'It-tħaris ta' l-euro – il-ġlieda kontra l-iffalsifikar' COM(98) 474 finali.

<sup>2</sup> ĠU L 181, 4/7/2001 ir-Regolament tal-Kunsill (KE) nru. 1338/2001 li jstabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' l-Euro kontra l-iffalsifikar; ĠU L 181 4/7/2001 ir-Regolament tal-Kunsill (KE) nru. 1339/2001 li jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru. 1338/2001 għal dawk l-Istati Membri li ma adottawx l-Euro bħala l-munita unika tagħhom.

<sup>3</sup> ĠU L 140, 29/05/2000 id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar ir-rinfurzar tat-tħaris permezz ta' penalizzar kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' l-euro

<sup>4</sup> ĠU C 149/16, 28/05/1999 id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29.04.1999li testendi l-mandat ta' l-Europol għall-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-flus u mezzi oħra ta' ħlas

<sup>5</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni COM(2001) 771 tat-13.12.2001, it-Tieni Rapport tal-Kummissjoni COM (2003) 532 tat-03.09.2003

Il-programm Pericles għandu rwol importanti ħafna fil-kisba tar-riżultati preżenti tal-ħarsien ta' l-euro u l-ġlieda kontra r-reati relatati ma' l-iffalsifikar tal-flus, permezz ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni. Tinħtieġ sorveljanza kontinwa biex jinżammu r-riżultati miksuba bħalissa u biex jinbena fuqhom suċċess aktar fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar ta' l-euro. It-taħriġ u l-għajjnuna teknika għandhom rwol importanti f'dan l-aspett u għalhekk huwa meħtieġ li l-programm Pericles jitkompla.

### 3. Ir-rapport ta' valutazzjoni

F'konformità ma' l-Artikolu 13(3)(a) tad-Deċiżjoni Pericles, il-valutazzjoni tal-programm Pericles kien ġie assenjat lill-awditur indipendenti ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF) li ssottometta r-rapport ta' valutazzjoni fit-30 ta' Novembru 2004.

Il-valutatur eżamina l-fajls tal-21 azzjoni tal-programm Pericles li twettqu sa Marzu 2004, fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri jew il-Kummissjoni. Fuq il-bażi ta' kwestjonarji magħmula lil organizzaturi u parteċipanti, kif ukoll fuq diskussjonijiet ma' partijiet intessati, il-valutatur wasal għall-konklużjonijiet ewlenin li ġejjin<sup>6</sup>:

- Il-programm ikkontribwixxa għal titjib fl-għarfien tad-dimensjoni Komunitarja ta' l-euro u żviluppa wkoll kif il-parteċipanti jifhemu aħjar il-liġijiet u l-istrumenti relatati u, b'mod partikolari, il-liġi Komunitarja u dik aktar wiesgħa Ewropea.
- Fir-rigward tal-firxa ta' bdil ta' informazzjoni u metodoloġiji/miżuri, fil-biċċa l-kbira tagħhom dawn kienu ġew ippreżentati fid-diversi laqgħat ta' ħidma, laqgħat oħra u seminars.
- Il-gruppi li għalihom huwa mmirat il-programm intlaħqu biss parzjalment u pparteċipaw għadd kbir ħafna ta' uffiċjali tas-sigurezza pubblika filwaqt li l-attenzenza ta' rappreżentanti mis-settur tal-banek kummerċjali, ta' avukati speċjalizzati u ta' rappreżentanti mill-kmamar tal-kummerċ ma kenitx kbira biżżejjed.
- L-attivitajiet eżaminati kienu meqjusa bħala rilevanti u korrispondenti għall-għanijiet ewlenin tal-programm.
- Fejn jidħlu spejjeż, il-valutatur sab li xi wħud mill-proġetti kienu partikolarment għoljin u ġibed l-attenzjoni għal xi elementi speċifiċi ta' dawn l-ispejjeż.

Il-valutatur għamel diversi rakkomandazzjonijiet li ġew meqjusa għall-programm Pericles ta' l-2006. B'mod partikolari:

- Il-programm għandu jitkompla almenu għal 4 snin oħra bl-istess baġit (miljun euro kull sena) u bl-istess miżuri u bl-istess gruppi fil-mira tiegħu. Wara erba' snin għandha ssir it-tieni valutazzjoni.

---

<sup>6</sup> Rapport ta' valutazzjoni p. 4, 21, 22 u 23

- Għandu jkun enfasizzat il-taħriġ Prattiku. Il-prijorità għandha tkun favur skambji ta' staff u taħriġ speċifiku, inklużi studji ta' każi. Dawn l-attivitajiet huma wkoll aktar effiċjenti mil-lat ta' spejjeż.

#### 4. Eżekuzzjoni tal-programm

Fuq il-bażi ta' l-ammont ta' referenza ta' 4 miljun euro għall-perjodu 2002-2005 u miljun euro għall-2006, l-appropriazzjonijiet annwali awtorizzati mill-programm Pericles, kienu: € 1.2 miljun għall-2002, € 0.9 miljun għall-2003, € 0.9 miljun għall-2004, € 1 miljun għall-2005 u € 1 miljun għall-2006.

L-eżekuzzjoni tal-Programm bdiet bil-lajma, l-aktar minħabba li l-programm kien ġie adottat f'Diċembru 2001. Għalhekk, ma kienx qabel Ottubru 2002 li twettaq l-ewwel proġett ta' Pericles u l-ammont kommiss fl-2002 kien f'it anqas minn 40% ta' l-allokazzjoni baġitarja inizjali (l-allokazzjoni tnaqqset tul il-medda tas-sena). Suċċessivament, il-programm qabad irrotta u l-allokazzjoni baġitarja kienet oġġa għas-sinjuri 2003, 2004 u 2005. L-Istati Membri pprevedew li l-eżekuzzjoni tal-programm ilestuha fl-2006.

Skond dawn l-istatistiċi u tbassir, il-livell ġenerali ta' l-impnġi matul il-perjodu 2002-2006 mistenni jilħaq 80% ta' l-ammont ta' referenza inizjali.

L-aggregati ewlenin fl-eżekuzzjoni ta' Pericles jidhru fit-Tabella 2.

<b>TABELLA 2 PERICLES—EŻEKUZZJONI 2002 – 2005 FIL-QOSOR U TBASSIR GĦALL-2006</b>							
<b>Sena finanzjarja</b>	<b>Numru ta' azzjonijiet</b>	<b>SM promoturi</b>	<b>Gruppi ewlenin immirati</b>	<b>Numru ta' parteċipanti</b>	<b>Għotjiet imwiegħda</b>	<b>Allokazzjoni baġitarja</b>	<b>Livell ta' impenn</b>
<b>2002</b>	7	DE, IT, ES, EL, (NL + UK)	Pulizija, settur finanzjarju	366	474 905	1 200 000	39.6 %
	MS 5						
	COM 2						
<b>2003</b>	16	PT, IT, DE, ES, FR, FI, EL	Pulizija, settur ġudizzjarju, finanzjarju, kummerċjali	753	847 168	900 000	94.1 %
	MS 12						
	COM 4						
<b>2004</b>	15	AT, FR, DE, EL, IT, ES, PT,	Pulizija, settur ġudizzjarju, finanzjarju, bankarju	586	774 926	900 000	86.1%
	MS 11						
	COM 4						
<b>2005</b>	12	FR, DE, , IT, ES	Settur finanzjarju, banek, pulizija, settur ġudizzjarju, kummerċjali	738	921 912	1 000 000	92.1%
	MS 7						
	COM 5						
<b>2006 (tbassir)</b>	15	B, DE, ES, FR, HU, IT, IR, PO	Settur tekniku, finanzjarju, bankarju, ġudizzjarju	700	980 000	1 000 000	98.0%
	MS 14						
	COM 1						
<b>TOTAL (stimi)</b>	65			3143	3 998 911	5 000 000	80.0%
	MS 49						
	COM 16						

## 5. Valur miżjud tal-programm

Il-programm Pericles offra valur miżjud sostanzjali għat-tħaris ta' l-euro mill-iffalsifikar. Dan ġie konkretizzat bil-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet imwettqa, bil-miri preċiżi li kellhom dawn l-azzjonijiet u permezz tan-numru kbir ta' parteċipanti. Ġiet enfazzata d-dimensjoni Ewropea tal-ġlieda kontra l-iffalsifikar ta' l-euro u, apparti l-Istati Membri ta' l-UE biss, kien possibbli li fil-mira jkun hemm ukoll żoni ġeografiċi sensitivi. Fl-aħħarnett, il-programm Pericles ikkontribwixxa b'mod sostanzjali biex ikompli jittejbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fuq livell internazzjonali, Ewropew u ta' l-Istati Membri, u biex jinħolqu strutturi aktar sodi għall-ħarsien tal-munita Ewropea.

### ***Firxa wiesgħa ta' Azzjonijiet***

Matul l-ewwel erba' snin tal-programm tndew 50 proġett; għall-2006 hemm previsti 15-il azzjoni oħra mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. Minn total ta' 65 proġett, 49 joriġinaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, filwaqt li 16 kienu inizjattivi tal-Kummissjoni/OLAF.

Il-biċċa l-kbira ta' l-azzjonijiet imwettqa kienu konferenzi. Seminars u laqgħat ta' ħidma, kif ukoll korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat. L-iskambju ta' staff, madankollu, kompli jikber fl-importanza u issa sar karatteristika standard tal-programm Pericles. Wara t-tkabbir, dan it-tip ta' attivitá x'aktarx se jiżviluppa aktar, u dan ikun konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-valutatur ta' Pericles. Taħt il-programm kurrenti twettaq studju tekniku wieħed biss u tnejn oħra jinsabu fil-proċess ta' eżekuzzjoni għal matul l-2006. Fit-Tabella 3 jidher analiżi ta' Pericles skond it-tip ta' proġett.

<b>TABELLA 3</b> PERICLES – ANALIŻI FUQ IL-BAŻI TAT-TIP TA' AZZJONI 2002 - 2006				
<b>Sena finanzjarja</b>	<b>Konferenza u simili</b>	<b>Skambju ta' staff</b>	<b>Studji</b>	<b>Total</b>
<b>2002</b>	6	1	-	7
<b>2003</b>	11	4	1	16
<b>2004</b>	10	5	-	15
<b>2005</b>	8	3	1	12
<b>2006 (tbassir)</b>	9	4	1	14
<b>TOTAL (stimi)</b>	44	17	3	64

### ***Gruppi fil-mira u parteċipanti magħżula***

F'dawn l-avvenimenti pparteċipaw madwar 3150 espert. Matul l-ewwel snin tal-programm, il-parti l-kbira mill-parteċipanti kienet magħmula minn rappreżentanti tal-forzi tal-pulizija, li normalment ma kinux involuti fl-isforzi Komunitarji biex l-euro jitħares mill-iffalsifikar. Dan l-iffukar jirrifletti l-prijoritá li fil-bidu kienet tingħata biex jinholq kuntatt aktar b'saħħtu bejn il-professjonisti biex il-ġlieda kontra l-iffalsifikar ta' l-euro ssir iżjed effikaċi. F'dan ir-rigward, ir-rapport ta' valutazzjoni (p. 10 u 11) juri li, sa Marzu 2004, 65% tal-parteċipanti kienu l-biċċa l-kbira rappreżentanti tal-forzi tal-pulizija. Mill-2003 'l quddiem, wieħed

josserva involviment akbar min-naħa ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji, filwaqt li mill-2004 u l-2005 ġiet irreġistrata żieda fin-numru ta' parteċipazzjoni min-naħa tar-rappreżentanti tas-settur finanzjarju (l-intermedjarji finanzjarji tas-settur pubbliku, il-Banek Ċentrali Nazzjonali, l-istituzzjonijiet bankarji u istituzzjonijiet finanzjarji oħra).

Dan l-iżvilupp huwa konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-valutatur, filwaqt li l-organizzazzjoni ta' aktar seminars tekniċi qiegħda wkoll tiġi promossa. Fl-immaniġġjar tal-programm raw li ma jkunx hemm duplikazzjoni fil-parteċipazzjoni; u r-rapport ta' valutazzjoni jinnota li dan il-ġħan intlaħaq.

Fir-rigward ta' l-oriġini tal-parteċipanti, mir-rapport ta' valutazzjoni jirriżulta li dawn kienu ġejjin minn 76 pajjiż, il-maġġoranza mill-Istati Membri. Ġiet innutata l-parteċipazzjoni fqira ta' xi pajjiżi fosthom uħud mill-pajjiżi li jinsabu fiż-żona ta' l-euro. Dan jista' jirrifletti sitwazzjoni ta' natura organizzattiva aktar milli strutturali, u qed isir sforz biex tiġi bbilanċjata din is-sitwazzjoni. Xi pajjiżi huma aktar attivi fl-organizzazzjoni ta' l-avvenimenti: l-Italja, pereżempju, tirrappreżenta 'l fuq minn 21% tan-numru totali ta' l-attivitajiet. Mill-2005 'l quddiem, l-Istati Membri l-ġodda bdew jorganizzaw azzjonijiet relatati mal-programm Pericles.

### ***Dimensjoni Ewropea***

Ir-rapport ta' valutazzjoni jsemmi wkoll (p. 14) li l-organizzazzjoni ta' azzjonijiet relatati mal-programm Pericles tkopri ż-żoni kollha li ġħandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-euro (il-forzi tal-pulizija, is-settur ġudizzjarju, finanzjarju u tekniku), filwaqt li jippromwovi b'mod partikolari l-ħolqien ta' netwerks biex tinkiseb effikaċja akbar fil-ġlieda kontra r-reati ta' ffalsifikar. Id-dimensjoni Ewropea tat-tħaris ta' l-euro hija enfasizzata permezz ta' l-involviment sistematiku tal-BĊE, l-Europol u organizzazzjonijiet Ewropew u internazzjonali oħra fl-azzjonijiet ta' Pericles. L-Europol jikkomplementa r-rwol ta' l-OLAF permezz ta' l-involviment tiegħu fil-fażijiet tal-valutazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-programm Pericles. L-Europol jikkollabora ma' l-OLAF fit-tfasssil u l-eżekuzzjoni ta' proġetti speċjalizzati bħal m'huwa t-taħriġ imsejjaħ 'Bitmap'; L-Europol issupplixxa l-kompetenzi tekniċi filwaqt li l-Kummissjoni/OLAF ipprovdew l-infrastruttura u finanzjament ta' Pericles. Fir-rigward ta' l-aspetti tat-tħaris ta' l-euro, meta r-responsabbiltà tkun ta' l-Istati Membri, jkunu kkonsultati b'mod sistematiku l-esperti tas-servizzi speċjali rispettivi.

### ***Enfasi Ġeografiku***

L-azzjonijiet tal-programm Pericles twettqu l-aktar ġewwa l-UE. Imma wħud minnhom ġew organizzati f'pajjiżi terzi jew f'pajjiżi kandidati ġħall-adeżjoni biex jiġu riflessi l-ħtiġiet speċifiċi ġħat-tħaris ta' l-euro. Ingħataw prijorità l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni fil-pajjiżi kandidati qabel l-adeżjoni. Fil-proċess ta' l-identifikar ta' żoni li ġħandhom impatt maġġuri fuq il-produzzjoni ta' karti ta' flus foloz, l-Amerka ta' Isfel, partikolarment il-Kolumbja, saru l-mira ta' konċentrazzjoni maġġuri ġħall-azzjonijiet ta' Pericles, bħal ma saru hekk ukoll pajjiżi li ġħandhom il-konfini tagħhom imissu ma' l-UE, inklużi l-Bulgarija u r-Rumanija.

Ġħaż-żoni ġeografiki koperti u l-gruppi fil-mira diversifikati milħuqa, kienu rispettati d-dimensjonijiet tranżnazzjonali u multidixxiplinari previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Pericles. Id-dimensjoni multidixxiplinari nkisbet billi ġie żgurati il-livell ta' kompetenza billi ġie

kkontrollat l-isfond professjonali tal-parteċipanti, kif ukoll billi ġie verifikat il-kontenut ta' l-azzjonijiet.

### ***Koordinazzjoni fost l-Organizzazzjonijiet Ewropej u għol-Kummissjoni***

B'mod konformi ma' l-Artikolu 5 tad-Deċizzjoni Pericles, il-programm ġie eżegwit u kkoordinat mill-Kummissjoni u l-Istati Membri b'bidma flimkien mill-qrib. Il-koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-programm u ta' attivitajiet oħra ta' taħriġ hija fdata lill-Grupp ta' Esperti dwar l-Iffalsifikar ta' l-Euro li għandha l-Kummissjoni; dan il-grupp iħaddan esperti mill-Istati membri u l-pajjiż' kandidati kollha, u jipparteċipaw fih ukoll l-Europol, il-BĊE u l-Interpol. Dan il-forum jiżgura l-iżjed użu effikaċi tar-riżorsi u l-isforzi tat-tħaris ta' l-euro. L-azzjonijiet ta' taħriġ u għajjnuna teknika mwettqa mill-BĊE u l-Europol huma kkoordinati strettament ma' Pericles. Din il-koordinazzjoni hija wkoll konformi mal-Premessa (7) tad-Deċizzjoni ta' Pericles.

Illum il-programm Pericles prattikament iċentralizza l-inizjattivi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri fuq livell Komunitarju għal dak li jirrigwarda t-tħaris ta' l-euro kif ukoll issostitwixxa kważi għal kollox il-linja baġitarja speċifika tal-Kummissjoni 'It-Tħaris ta' l-euro'. Numru żgħir ta' azzjonijiet imfassla għat-tħaris mill-iffalsifikar tal-munita jitwettaq taħt programmi oħra Komunitarji, bħal m'huwa t-TAIEX u l-programm ta' ġemellaġġ (il-programm *Twinning*). Dawn l-azzjonijiet huma, fil-parti kbira tagħhom, azzjonijiet ta' pajjiż wieħed jew azzjonijiet b'suġġett wieħed (jiġifieri azzjonijiet li mhumiex eliġibbli għall-finanzjament tal-programm Pericles) u huma sistematikament ikkoordinati ma' Pericles mis-servizz kompetenti tal-Kummissjoni f'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri.

### ***Kooperazzjoni u koordinazzjoni akbar fost l-Istati Membri***

Il-kooperazzjoni aktar effikaċi fost l-aġenti tas-sigurezza pubblika u, aktar reċenti, fost ir-rappreżentanti ta' l-istituzzjonijiet ġuridiċi u finanzjarji tixhed is-suċċess ta' Pericles. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-Istati Membri imma wkoll għall-pajjiżi fi triqthom lejn l-adeżjoni, il-pajjiżi kandidati u pajjiżi oħra li huma ġirien. Minbarra l-kontenut tekniku u ta' taħriġ, il-programm Pericles jipprovdi forum li joħloq kuntatti regolari fost l-esperti responsabbli mill-ħarsien ta' l-euro imma fuq kollox joffri lill-professionisti l-possibbiltà li jiżviluppaw rabtiet li jwasslu għal relazzjonijiet aktar mill-qrib fuq ix-xogħol u titjib ġenerali fuq il-livell ta' kooperazzjoni. Il-koordinazzjoni stretta tal-proġetti ta' pericles ma' l-inizjattivi Komunitarji u ta' l-Istati Membri wasslet ukoll għal żieda fin-numru ta' metodi ta' taħriġ ibbażati fuq l-aħjar prattiki u għal immaniġġjar aħjar tal-kontenut ta' l-azzjonijiet ta' taħriġ. Dan iggarantixxa li l-aqwa esperti disponibbli jkunu mħarrġa minn nies fl-ogħla livell filwaqt li l-kontenut ta' kull azzjoni ġiet immirata għall-pubbliku biex jintlaħqu għanijiet partikolari.

### ***Titjib strutturali***

B'mod sinifikattiv, minbarra l-kontenut ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ tagħhom, l-azzjonijiet tal-programm Pericles wasslu għal titjib strutturali u titjib ta' xorta oħra fl-Istati Membri u pajjiżi terzi. Fost azzjonijiet oħra li wasslu għal titjib hemm il-ftuħ ta' l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali għall-ġlieda kontra l-iffalsifikar f'diversi pajjiżi; żewġ seminars ta' Pericles li pprovdew għajjnuna lill-pajjiżi (dak iż-żmien) fi triqthom lejn l-adeżjoni biex japplikaw l-



*Acquis* Komunitarju fis-settur speċifiku tal-ħarsien ta' l-euro; it-tfassil ta' kodiċi ta' kondotta dwar kwistjonijiet li kellhom x'jaqsmu ma' l-istampa u l-komunikazzjoni; u waħda mill-laqgħat ta' ħidma li wasslet għal proposta mill-Istati Membri għal Rokkomandazzjoni tal-Kunsill.

\* \* \*

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Pericles, li huwa l-programm Komunitarju għall-iskambji, l-għajnuna u t-taħriġ għall-ħarsien ta' l-euro mill-falsifikazzjoni, ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001 (2001/923/KE) u huwa mfassal biex isostni u jintegra l-inizjattivi li hađu l-Istati Membri u li huma previsti fi programmi eżistenti għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar. Fuq il-bażi tar-rapport ta' valutazzjoni tal-programm Pericles tat-30 ta' Novembru 2004, qiegħed jiġi propost li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001 issa tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2013.

### **L-ewwel estensjoni sa l-2006**

Fil-bidu, Pericles twettaq mill-1 ta' Jannar 2002 sa tmiem l-2005. Fit-8 ta' April 2005 il-Kummissjoni ssottomettiet emenda biex il-Programm Pericles jittawwal għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2006 u l-31 ta' Diċembru 2011 (COM/2005/0127/finali). Fuq il-bażi tar-rapport ta' valutazzjoni tal-programm Pericles tat-30 ta' Novembru 2004, il-Kunsill qabel li l-programm Pericles għandu jittawwal aktar.

Il-Kunsill iddeċieda li l-programm ikun imtawwal sal-31 ta' Diċembru 2006 meta ġie kkunsidrat il-fatt li fiż-żmien meta saru d-diskussjonijiet, il-perspettivi finanzjarji tal-Komunità kienu disponibbli biss sa l-2006.

### **Proposti għal estensjoni itwal u ammont akbar**

Il-ftehim milħuq mill-Kunsill jipprovdi li l-programm Pericles għandu jittawwal b'għadd miżjud ta' snin sa l-2011, skond kif kien ġie propost fil-bidu mill-Kummissjoni. Speċifikament, il-Kunsill iddikjara dan li ġej fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Jannar 2006: 'il-Kunsill jikkonsidra li, min-natura tiegħu, Pericles huwa programm multiannwali u li għandu jkun estiż sa l-2011. Għall-fini ta' dan, qiegħed jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-estensjoni tal-programm għall-perjodu li jibda mill-2007 hekk kif jintlaħaq ftehim dwar il-qafas finanzjarju għall-ġejjieni 2007-2013'<sup>7</sup>.

Fid-dettal, il-Kunsill ikkunsidra l-mottivi li ġejjin għall-estensjoni tal-programm:

- il-kontinwazzjoni tas-sorveljanza biex jinżamm jew jitnaqqas il-livell kurrenti ta' ffalsifikar ta' karti tal-flus ta' l-euro u biex tiġi evitata żieda fil-livell ta' ffalsifikar ta' munita ta' l-euro li tista' tippreġudika l-fiduċja taċ-ċittadini;
- l-għoti ta' taħriġ/informazzjoni lil staff ġdid u l-estensjoni tat-taħriġ lil setturi li bbenefikaw l-anqas mill-programm Pericles, jiġifieri l-aġenti finanzjarji, il-prosekuturi u l-istaff tekniku;
- l-għoti ta' taħriġ lill-istaff rilevanti fir-rigward tal-karatteristiċi tal-karti ta' l-euro tal-ġenerazzjoni l-ġdida, li se joħorġu fl-aħħar ta' dan id-deċennju;
- fuq kollox, l-insistenza fuq l-għoti tat-taħriġ u l-għajnuna teknika fl-Istati Membri l-ġodda, bi prijorità favur dawk l-Istati li jkunu l-ewwel li jintroduċu l-euro bħala l-munita unika tagħhom.

---

<sup>7</sup> Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni. Konklużjonijiet tal-Kunsill, 30 ta' Jannar 2006 p. 11

Jidher ċar li hemm il-ħtieġa għal taħriġ kontinwu u għajnuna teknika għall-ħarsien ta' l-euro. Dan kemm minħabba li l-Istati Membri x'aktarx jissieħbu maż-żona euro kif ukoll minħabba l-ħtieġa għall-aġġornar kontinwu tal-kompetenzi fis-servizzi rilevanti.

Il-Kunsill wasal għal ftehim finali dwar il-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007-2013 fil-laqgħa tal-Kunsill ewropew li saret bejn il-15 u s-16 ta' Diċembru 2005<sup>8</sup>.

Hija l-prattika kurrenti li l-programmi finanzjarji tal-Komunità jissodisfaw id-durata tal-perspettivi finanzjarji tal-Komunità. Dan jikkontribwixxi biex tintgħaġġel l-approvazzjoni tal-programmi u jiġu evitati l-proċeduri biex ikunu rrimedjati perjodi mhux koperti.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, qiegħed jiġi propost li l-programm Pericles ikun estiż b'seba' snin oħra, sa l-aħħar ta' l-2013 mingħajr tibdil fl-ammont annwali ta' miljun euro fis-sena – total ta' 7 miljun euro.

### **Modifikazzjonijiet proposti**

Speċifikament, qiegħed jiġi propost li jkunu modifikati:

- l-Artikolu 1, il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni Pericles biex tiġi ffixxata bħala data għdida ta' konklużjoni l-31 ta' Diċembru 2013;

- l-Artikolu 6 biex jiffissa l-ammont ta' referenza bħala EUR 7 miljun.

Meta jiġi kkunsidrat il-perjodu ta' estensjoni, qiegħed jiġi propost li jinbidlu kif ġej l-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 13, il-paragrafu 3:

- fil-punt (a) tinbidel “it-30 ta' Ġunju 2005” u ssir “it-30 Ġunju 2013”;

- fil-punt (b) tkun definita skadenza addizzjonali – dik tat-30 ta' Ġunju 2014.

Id-data ta' l-applikazzjoni fl-Artikolu 15 għandha tkun l-1 ta' Jannar 2007.

---

<sup>8</sup> (Dok. 15915/05)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar (il-programm 'Pericles')**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikulari t-tielet sentenza ta' l-Artikolu 123(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni<sup>9</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>10</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew<sup>11</sup>,

Billi:

- (1) F'konformità ma' l-Artikolu 13(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE<sup>12</sup>, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2005 rapport ta' valutazzjoni, li għandu jkun indipendenti mill-amministratur tal-programm, dwar ir-relevanza, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-programm u komunikazzjoni dwar jekk dan il-programm għandux jitkompla u jkun adattat, flimkien ma' proposta xierqa.
- (2) Ir-rapport ta' valutazzjoni ipprovdut fl-Artikolu 13 ta' din id-Deċiżjoni nħareġ fit-30 ta' Novembru 2004. Ir-rapport jikkonkludi li l-programm kien qiegħed jilħaq l-għanijiet tiegħu u jirrikkomanda li dan il-programm għandu jitkompla.
- (3) L-ammont finanzjarju ta' referenza skond it-tifsira tal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina fl-estimi finanzjarji u t-titjib fil-proċedura ta' l-estimi baġitarji<sup>13</sup> huwa inkluż f'din id-Deċiżjoni għat-tul taż-żmien kollu tal-programm, mingħajr b'hekk ma jiġu affettwati l-poteri ta' l-awtorità baġitarja kif inhuma definiti fit-Trattat.

---

<sup>9</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>10</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>11</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>12</sup> ĠU L 339, 21.12.2001, p.50. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/75/KE (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 40).

<sup>13</sup> ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1

- (4) It-tkomplija tal-programm tirrifletti l-ħtieġa li jibqgħu għaddejja l-attivitajiet ta' sorveljanza, taħriġ u għajnuna teknika li huma fundamentali għall-appoġġ tal-ħarsien ta' l-euro kontra l-iffalsifikar għax jipprovdu qafas stabbli għall-ippjanar tal-programmi ta' l-Istati Membri, b' mod partikolari waqt perjodu li matulu se jkun hemm pajjiżi ġodda deħlin jipparteċipaw fiż-żona ta' l-euro.
- (5) F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni ssottomettiet fit-8 ta' April 2005 proposta għat-tkomplija tal-programm "Pericles"<sup>14</sup> sal-31 ta' Diċembru 2011.
- (6) Fil-proċess ta' l-ilħuq ta' ftehim finali dwar il-perspettivi finanzjarji tal-Komunità għas-snin 2007-2013, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-programm Pericles sas-sena 2006.
- (7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Jannar 2006, il-Kunsill qabel li "min-natura tiegħu, Pericles huwa programm multiannwali u li għandu jkun estiż sa l-2011". Għall-fini ta' dan, qiegħed jistieden lill-Kummissjoni "tippreżenta proposta għall-estensjoni tal-programm għall-perjodu li jibda mill-2007 hekk kif jintlaħaq ftehim dwar il-qafas finanzjarju għall-ġejjieni 2007-2013".
- (8) Ikun xieraq li l-programmi Komunitarji jkunu konformi mal-perspettivi finanzjarji tal-Komunità.
- (9) Konsegwentement, u fid-dawl tal-ħtieġa ta' taħriġ u għajnuna kontinwi għall-ħarsien ta' l-euro, il-programm Pericles għandu jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2013. Id-Deċiżjoni 2001/923/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata kif xieraq,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*  
**Emendi**

Id-Deċiżjoni 2001/923/KE hija emendata hekk:

- 1 L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 1(2) hija sostitwita b'dan li ġej:  
"Għandu japplika l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2013."
- 2 Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied wara t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 6:  
"L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-eżekuzzjoni tal-programm ta' azzjoni Komunitarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 7 miljuni"
- 3 L-Artikolu 13(3) huwa emendat kif ġej:  
(a) Fil-punt (a) id-data "30 ta' Ġunju 2005 tinbidel u ssir "30 ta' Ġunju 2013".

---

<sup>14</sup> COM/2005/0127 finali

(b) Il-punt (b) jinbidel u jidħol dan li ġej:

“(b) fi tmiem l-eżekuzzjoni inizjali u l-perjodi miżjuda tal-programm u mhux aktar tard mit-30 ta’ Ġunju 2006 u 2014 rispettivament, rapporti dettaljati dwar l-eżekuzzjoni u r-riżultati tal-programm li jagħtu rendikont, b’mod partikolari, tal-valur miżjud ta’ l-ġhajjnuna finanzjarja mogħtija mill-Komunità.”

*Artikolu 2*  
**Applikabilità**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika fl-Istati Membri parteċipanti kif definit fl-ewwel inċiż ta’ l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta’ Mejju 1998 dwar id-dħul ta’ l-euro<sup>15</sup>.

*Artikolu 3*  
**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tibda tapplika mill-1 ta’ Jannar 2007.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

<sup>15</sup> ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2169/2005 (ĠU L 346, 29.12.2005, p. 1.)

2006/0079 (CNS)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li testendi għall-Istati Membri li mhumiex parteċipanti l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/.../KE li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, għajna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar (il-programm 'Pericles')**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni<sup>16</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>17</sup>,

Billi:

- (1) Meta adotta d-Deċiżjoni 2006/.../KE<sup>18</sup> il-Kunsill indika li din għandha tapplika fl-Istati Membri parteċipanti kif definit fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro<sup>19</sup>
- (2) Madankollu, il-bdil ta' l-informazzjoni u l-istaff kif ukoll il-miżuri ta' għajna u taħriġ taħt il-programm Pericles għandhom ikunu uniformi madwar il-Komunità kollha u għalhekk għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikun garantit l-istess livel ta' ħarsien għall-euro fl-Istati Membri fejn l-euro mhuwiex il-munita uffiċjali tagħhom.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

L-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/.../KE għandha tiġi estiża għall-Istati Membri li mhumiex l-Istati Membri parteċipanti kif definit fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/1998.

---

<sup>16</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>17</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>18</sup> Ara paġna ... ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>19</sup> ĠU L 139, 11.5.1998, p.1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*



## ANNEX

### DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' [...] li testendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar (il-programm 'Pericles') kif emendata l-aħħar u estiża mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/75/KE

2. QAFAS ABM/ABB

Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat/i u Attività/Attivitajiet assoċjata/i: Ġlieda kontra l-frodi.

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Linji tal-Baġit (linji operattivi u linji relatati ta' għajnuna teknika u amministrattiva (ex-linji B u A)), fosthom l-intestaturi:

24 02 02 Pericles

3.2. Id-durata ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

Mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013

3.3. Karatteristiċi baġitarji (żid ir-ringieli jekk ikun hemm bżonn):

Linja baġitarja	Tip ta' spiża		Ġdida	Kontribuzzjoni tal-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-prospettiva finanzjarja
24 02 02	Mhux komp.	Diff	LE	LE	LE	Nru 1a)

4. ĠABRA FIL-QOSOR TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Ġabra fil-qosor ta' l-appropriazzjonijiet għall-impenji (CA) u l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (PA)

*miljuni ta' EUR (sa 3 skali deċimali)*

Natura ta' l-ispiża	Nru tat-Taqsima		2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
<b>Spejjeż operattivi<sup>20</sup></b>										
Appropriazzjonijiet għall-impenji (CA)	8.1	a	1,000	1,000	1,000	1,000	1,000	1,000	1,000	7,000
Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (PA)		b	0,500	1,000	1,000	1,000	1,000	1,000	1,500	7,000
<b>Spejjeż amministrattivi inklużi fl-ammont ta' referenza<sup>21</sup>: xejn</b>										
<b>AMMONT TOTALI TA' REFERENZA</b>										
Appropriazzjonijiet għall-impenji		a+c	1,000	1,000	1,000	1,000	1,000	1,000	1,000	7,000
Appropriazzjonijiet għall-ħlas		b+c	0,500	1,000	1,000	1,000	1,000	1,000	1,500	7,000

Riżorsi umani u spejjeż relatati (NDA)	8.2.5	d	0,207	0,207	0,207	0,207	0,207	0,207	0,207	1,449
Spejjeż amministrattivi, barra minn riżorsi umani u spejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6	e	0,090	0,090	0,090	0,090	0,090	0,090	0,090	0,63

<sup>20</sup> Nefqa li ma tidħolx taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

<sup>21</sup> Spejjeż fl-ambitu ta' l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

### Total ta' l-ispejza finanzjarja indikattiva ta' l-intervent

TOTAL CA inklużi l-ispejjeż umani	għar-riżorsi	a+c+d+e	1,297	1,297	1,297	1,297	1,297	1,297	1,297	9,079
TOTAL PA inklużi l-ispejjeż umani	għar-riżorsi	b+c+d+e	0,797	1,297	1,297	1,297	1,297	1,297	1,797	9,079

### Detalji dwar ko-finanzjament

*Jekk il-proposta tinvolvi ko-finanzjament mill-Istati Membri, jew minn entitajiet oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), jekk li tingħata stima ta' kemm hu dan il-ko-finanzjament fit-tabella hawn taħt (tista' żżid aktar linji jekk ikun meħtieġ jekk taħseb li se jkun hemm entitajiet differenti li jidħlu fil-ko-finanzjament):*

Il-programm se jkun implimentat bħala inizjattiva tal-Kummissjoni b'20% u bħala inizjattiva ta' l-Istati Membri bi 80%. Fid-dawl tal-perċentwali ta' ko-finanzjament proposti (80% Komunità – 20% benefiċjarju) l-ammont ta' sussidju jidded proporzjonalment mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali.

*miljuni ta' EUR (sa 3 skali deċimali)*

Entità mdaħħla fil-ko-finanzjament		2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
Awtoritajiet nazzjonali kompetenti									
20% mingħand l-Istati Membri	f	0,324	0,324	0,324	0,324	0,324	0,324	0,324	2,268
TOTAL CA inklużi il-ko-finanzjament	a+c+d+e+f	1,621	1,621	1,621	1,621	1,621	1,621	1,621	11,347

#### 4.1.2. Kompatibilità mal-Programmazzjoni Finanzjarja

Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti għall-perjodu sħiħ ta' l-eżekuzzjoni tagħha.

#### 4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul

### 5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

**Fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni jrid ikun hemm dettalji tal-kuntest tal-proposta. Din it-taqsimha tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għandha tinkludi l-informazzjoni kumplementari speċifika li ġejja:**

- 5.1. *Ħtieġa li trid tkun issodisfata fi żmien qasir jew fit-tul: It-tkomplija ta' l-istruttura għat-taħriġ u l-ġhajna teknika għall-ħarsien ta' l-euro; il-provvediment ta' qafas għal medda medja ta' żmien għall-ippjanar ta' l-Istati Membri.*
- 5.2. *il-valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u possibbiltà ta' sinerġija: Enfasi fuq id-dimensjoni Komunitarja tal-ħarsien ta' l-euro; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u s-sensibilizzazzjoni fir-rigward ta' l-importanza tal-ħarsien ta' l-euro mill-iffalsifikar.*
- 5.3. *L-ġhanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM: Iż-żamma tal-livell ġenerali attwali ta' taħriġ u ġhajna teknika taħt il-forma ta' azzjonijiet mill-programm Pericles.*
- 5.4. Metodu ta' *Eżekuzzjoni* (indikattiv)

Hawn taħt uri l-metodu/i<sup>22</sup> magħżul/a biex l-azzjoni tiġi implimentata.

- Tmexxija Ċentralizzata***
- Direttament mill-Kummissjoni

## 6. MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI

### 6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Il-Kummissjoni teżamina fid-dettal il-proġetti ta' Pericles u minn żmien għal ieħor tanalizza l-eżekuzzjoni tal-programm.

### 6.2. Valutazzjoni

#### 6.2.1. Valutazzjoni *ex-ante*

Il-proposta għall-estensjoni ta' Pericles hija bbażata fuq il-valutazzjoni tal-programm matul l-ewwel snin ta' l-eżekuzzjoni tiegħu. Din il-valutazzjoni fil-qosor tinsab fit-taqsimha 3 tal-Komunikazzjoni (p. 4). Partikolarment, il-valutatur irrikkmanda li: il-programm għandu jkompli għal mill-inqas 4 snin oħra bl-istess baġit (€ 1 miljun kull sena); il-programm għandu jagħti prijorità lil dawk l-Istati Membri b'parteċipazzjoni baxxa jew li ma organizzawx azzjonijiet fl-ewwel programm, kif ukoll lill-Istati Membri l-ġodda. Għandu jkun enfasizzat il-taħriġ prattiku. Il-prijorità għandha tkun favur bdil ta' staff u taħriġ speċifiku, inklużi studji ta' każi. Għandha tkompli tiġi żviluppata l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet/korpi Ewropej (il-Kummissjoni/OLAF, il-BĊE u l-Europol). Bil-ġhan li tkun possibbli valutazzjoni ta' l-effetti tal-programm fuq, fost oħrajn, il-konverġenza ta' taħriġ fuq livell għoli għal dawk li jipprovdut t-taħriġ, il-valutatur jirrikkmanda t-tħejjija ta'

<sup>22</sup> Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed jekk jogħġbok ipprovdut aktar dettalji fis-taqsimha tal-“Kummenti Rilevanti” ta' dan il-punt

dokument strateġiku, li għandu jiġi finalizzat qabel ma jidħol fis-seħħ il-programm Pericles il-ġdid.

Fir-rigward ta' proġetti individwali, għandha ssir valutazzjoni *ex-ante* mill-Kumitat għall-Valutazzjoni Pericles (il-Kummissjoni).

6.2.2. Miżuri meħuda wara valutazzjoni intermedja/*ex-post* (fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba minn każi preċedenti simili):

Il-proposta għall-estensjoni ta' Pericles tikkunsidra l-konklużjonijiet li wasal għalihom il-valutatur tal-programm (it-taqsim 3, p. 4) li huma:

- Li l-programm ikkontribwixxa għal titjib fl-għarfien tad-dimensjoni Komunitarja ta' l-euro u żviluppa wkoll kif il-parteċipanti jifhmu aħjar il-liġijiet u l-istrumenti relatati u, b'mod partikolari, il-liġi Komunitarja u dik aktar wiesgħa Ewropea.
- Fir-rigward tal-firxa ta' bdil ta' informazzjoni u metodoloġiji/miżuri, fil-biċċa l-kbira tagħhom dawn kienu ġew ippreżentati fid-diversi laqgħat ta' ħidma, laqgħat oħra u seminars.
- Il-gruppi li għalihom huwa mmirat il-programm intlaħqu biss parzjalment u pparteċipaw għadd kbir ħafna ta' uffiċjali tas-sigurezza pubblika; filwaqt li l-attendenza ta' rappreżentanti mis-settur tal-banek kummerċjali, ta' avukati speċjalizzati u ta' rappreżentanti mill-kmamar tal-kummerċ ma kenitx kbira biżżejjed.
- L-attivitajiet eżaminati kienu meqjusa bħala rilevanti u korrispondenti għall-għanijiet ewlenin tal-programm.
- Fejn jidħlu spejjeż, il-valutatur sab li xi wħud mill-proġetti kienu partikolarment għoljin u ġibed l-attenzjoni għal xi elementi speċifiċi ta' dawn l-ispejjeż.

Fir-rigward ta' proġetti individwali, il-benefiċjarji ta' kull proġett magħżul jissottomettu rapport finali u rapport finanzjarju lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tanalizza dawn ir-rapporti u tivvalutahom, anki fuq bażi tal-parteċipazzjoni tagħha fl-azzjonijiet, għall-mod kif kienu ġew implimentati u l-impatt li kellhom biex isir magħruf jekk l-għanijiet tal-programm intlaħqux.

6.2.3. *Kundizzjonijiet u frekwenza ta' valutazzjonijiet futuri.* Il-programm se ssirli valutazzjoni indipendenti fl-2013 u rapport dettaljat dwar l-eżekuzzjoni tiegħu jintbagħat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sa Ġunju 2014.

## 7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-eżami bir-reqqa li jagħmel il-Kumitat ta' Valutazzjoni, id-diskussjonijiet tal-grupp rilevanti tal-Kummissjoni u l-analiżi finanzjarju huma garanzija kontra l-frodi. Minbarra dan, il-benefiċjarji huma aġenziji tal-gvern, normalment responsabbli għas-sigurezza pubblika, u dan inqas sew il-probabbiltà ta' frodi.

Il-Kummissjoni tista' twettaq verifiki fuq il-post u spezzjonijiet taħt dan il-programm f'konformita mar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>23</sup>. Jekk ikun hemm ħtieġa, isiru investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Frodi (l-OLAF) irregolati mir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill<sup>24</sup>.

Il-benefiċjarju ta' sussidju ta' operazzjoni għandu jżomm disponibbli għall-Kummissjoni d-dokumenti sekondarji kollha, inkluża dikjarazzjoni finanzjarja verifikata dwar l-ispejż ta' matul is-sena ta' l-għotja għal perjodu ta' ħames snin mill-aħħar pagament. Il-benefiċjarju tas-sussidju jrid jiżgura li, fejn applikabbli, id-dokumenti sekondarji li jkunu għand sħab jew membri jkunu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

---

<sup>23</sup> ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

<sup>24</sup> ĠU L 136, 31. 5.1996, p.1.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini ta' spejjeż finanzjarji

*Approprjazzjonijiet ta' l-impen f'miljuni ta' EUR (sa 3 skali deċimali)*

(Indika l-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	Spiża medja	2007		2008		2009		2010		2011		2012		2013		TOTAL		
			Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	
<b>Għan operattiv:</b> Żamma tal-livell ġenerali kurrenti tat-taħriġ u l-ghajjnuna teknika																			
<b>Azzjoni 1</b>	<b>Sussidji</b>																		
-Riżultat 1	Tip ta' seminar		7	0,450	7	0,450	7	0,450	7	0,450	7	0,450	7	0,450	7	0,450	49	3,150	
-Riżultat 2	Bdil ta' staff		6	0,300	6	0,300	6	0,300	6	0,300	6	0,300	6	0,300	6	0,300	42	2,100	
-Riżultat 3	Studji – ghajjnuna teknika		1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	7	0,350	
<b>Azzjoni 1:</b>	<b>COM</b>																		
-Riżultat 1	Tip ta' seminar		2	0,100	2	0,100	2	0,100	2	0,100	2	0,100	2	0,100	2	0,100	14	0,700	
-Riżultat 2	Bdil ta' staff		1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	7	0,350	
-Riżultat 3	Studji – ghajjnuna teknika		1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	1	0,050	7	0,350	
Total parzjali Ghann				1,000		1,000		1,000		1,000		1,000		1,000		1,000		7,000	
<b>SPIŻA TOTALI</b>			18	1,000	18	1,000	18	1,000	18	1,000	18	1,000	18	1,000	18	1,000	126	7,000	



## 8.2. Spejjeż Amministrattivi

### 8.2.1. Numru u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Staff li għandu jġi assenjat għall-amministrazzjoni ta' l-azzjoni permezz ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (numru ta' karigi/FTEs)						
		2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
Uffiċjali jew staff temporanju <sup>25</sup> (A3 01 01)	A*/AD	0.25A	0.25A	0.25A	0.25A	0.25A	0.25A	0.25A
		1B	1B	1B	1B	1B	1B	1B
		0.25C	0.25C	0.25C	0.25C	0.25C	0.25C	0.25C
Staff iffinanzjat <sup>26</sup> b'art. A3 01 02		1END	1END	1END	1END	1END	1END	1END
TOTAL		2,5	2,5	2,5	2,5	2,5	2,5	2,5

Il-bżonnijiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fi żmien l-allokkazzjoni mogħtija lis-servizz ta' l-amministrazzjoni fil-qafas tal-proċedura annwali ta' l-allokkazzjoni.

### 8.2.2. Deskrizzjoni ta' ħidmiet ġejjin mill-azzjoni

Valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet: l-amministrazzjoni tal-kumitat ta' valutazzjoni, kuntatti ma' l-applikanti; parteċipazzjoni fl-avvenimenti.

Koordinazzjoni: monitoraġġ kontinwu ta' l-eżekuzzjoni ta' Pericles; preżentazzjonijiet lill-gruppi rilevanti (l-Istati Membri, il-BĊE, l-Europol); kontribuzzjoni għat-tħejjija tal-proġetti.

Tħejjija u eżekuzzjoni ta' l-azzjonijiet Pericles taħt inizzjattiva tal-Kummissjoni.

### 8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

*(Fejn jissemma' aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-ġhadd ta' postijiet li joriġinaw minn kull sors)*

■ Postijiet li bħalissa huma allokat i għat-tmexxija tal-programm li għandhom jinbidlu jew jittawlu

<sup>25</sup> In-nefqa għalih MHIX koperta mill-ammont ta' referenza

<sup>26</sup> In-nefqa għalih MHIX koperta mill-ammont ta' referenza

8.2.4. Infiq Amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 - Infiq fuq immaniġġjar amministrattiv)

*Miljuni ta' EUR (sa 3 skali deċimali)*

Linja baġitarja (numru u intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5	Sena n+6 u wara	TOTAL
Aġenziji eżekuttivi								
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra								
- <i>intra muros</i>								
- <i>extra muros</i>								
<b>Għajnuna teknika u amministrattiva totali</b>								

8.2.5. Spiża finanzjarja fuq ir-riżorsi umani u spejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

*Miljuni ta' EUR (sa 3 skali deċimali)*

Tipi ta' riżorsi umani	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
Uffiċjali u staff temporanju (A3 01 01)	0,162	0,162	0,162	0,162	0,162	0,162	0,162
Staff iffinanzjat bl-Art A3 01 02 (awżiljarju, END, staff bil-kuntratt, eċċ.)  (speċifika l-linja baġitarja)	0,045	0,045	0,045	0,045	0,045	0,045	0,045
<b>Spiża totali fuq ir-Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl- ammont ta' referenza)</b>	<b>0,207</b>	<b>0,207</b>	<b>0,207</b>	<b>0,207</b>	<b>0,207</b>	<b>0,207</b>	<b>0,207</b>

<b>Kalkolu - Uffiċjali u Aġenti Temporanji</b>
Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk applikabbli
$0,25A \times 108.000 \text{ €} + 1B \times 108.000 + 0,25C \times 108.000 = 162.000$

Kalkolu - Staff iffinananzjat taħt l-Art. A3 01 02

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk applikabbli
1 END x 45.000

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	0,030	0,030	0,030	0,030	0,030	0,030	0,030	0,210
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi								
XX 01 02 11 03 – Kumitati	0,060	0,060	0,060	0,060	0,060	0,060	0,060	0,420
XX 01 02 11 04 – Studji u konsulti								
XX 01 02 11 05 - Sistemi ta' informazzjoni								
<b>2 Infiq Totali Ieħor fuq l-Amministrazzjoni (A3 01 02 11)</b>	0,090	0,090	0,090	0,090	0,090	0,090	0,090	0,630
<b>Infiq amministrattiv totali, barra r-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)</b>	0,090	0,090	0,090	0,090	0,090	0,090	0,090	0,630

Kalkolu - Nefqa amministrattiva oħra li mhix inkluża fl-ammont ta' referenza

20 missjoni x 1.500 € u 4 laqgħat x 15.000 €